Minuti tas-62 (tnejn u sittin) Laqgħa tal-Kunsill Lokali Fontana li saret nhar il-Erbgħa 29 ta' Frar 2012 fis-Sala tal-Komunità. Bdiet fil-5.45p.m.

Prezenti għall-laqgħa:

Sindku: Is-Sur Saviour Borg

Viċi-Sindku: Is-Sur Anthony Borg

Kunsilliera: Is-Sur Victor Cefai
Is-Sur Horace Micallef
Is-Sur Lorry Apap

L-Aġent Segretarju Eżekuttiv: is-Sur Joseph Farrugia

## 1. Talba

1.1 Il-laqgħa kienet preseduta mis-Sindku s-Sur Saviour Borg. Bdiet b'talba mill-Aġent Segretarju Eżekuttiv.

## 2. Qari u Approvazzjoni tal-Minuti

2.1 Qabel bdiet il-laqgħa, il-Kunsillier is-Sur Lorry Apap informa lill-Membri u lill-Aġent Segretarju Eżekuttiv li meta kien jirrevedi l-Minuti tal-Laqgħat pendenti rriżulta li hu qisu qatt ma kien preżenti għal dawn il-laqgħat għax f'dawn il-minuti m'hemm xejn minn dak li qal hu. Għalhekk hu qal li kellu ħsieb li jibda jirrekordja l-laqgħat jekk jibqgħu sejrin hekk l-affarijiet. Għalhekk il-Kunsillier is-Sur Lorry Apap ippropona li għad li l-Membri tal-Kunsill jkunu rċivew il-Minuti tal-Laqgħat pendenti kif ġew emendati qabel il-laqgħa, dawn għandhom jiġu moqrija u kkoreġuti waqt il-Laqgħa. Il-Kunsill qabel unanimament ma' din il-proposta.

2.2 Inqraw il-Minuti tal-Laqgħa numru 51, li saret nhar il-Ġimgħa 12 t'Awissu 2011. Fl-aħħar ta' dawn il-Minuti, fuq parir tad-Dipartiment tal-Gvern Lokali, tniżżel paragrafu biex jindika li dawn il-Minuti ġew ippreparati mis-Segretarju Eżekuttiv is-Sur Karl Vella, ġew mibgħuta lill-Kunsill f'Jannar 2012 u ppreżentati u kkoreġuti f'din il-Laqgħa tal-Kunsill mis-Sur Joseph Farrugia, Aġent Segretarju Eżekuttiv.


Multi Purpose Room
L-Ewwel Fazi taċ-Ċentru Ċiviku
Triq ta' Mulejja
Fontana FNT 1110
Tel: 21558877 – Fax: 21562555

2.3 Il-korrezzjoni tal-Minuti kienu kif ġej: is-Sindku ppropona u l-Membri tal-Kunsill qablu unanimament illi (it-test li hu immarkat underlined jindika test ġdid u t-test li hemm bl-*istrikethrough* ~~xxxxx~~ jindika li dan it-test irid jinqata' għax ma jkunx intqal fil-laqgħa):

:

Para. 2: Il-Minuti tal-laqgħat ~~preċedenti~~ tat-48, 49 u 50 Laqgħa tal-Kunsill tqassmu qabel il-laqgħa u ġew ikkunsidrati bħala moqrija. Is-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv iffirmaw il-Minuti.

3.2.2 (tieni paragrafu): Is-Sindku spjega li l-Ministru għal Għawdex, l-Onor Giovanna Debono, flimkien mas-Sur Anthony Zammit, Direttur tal-Eko Għawdex fl-istess Ministeru, għamlu żjara fi Pjazza l-Għejjun fejn raw ix-xogħol li qed isir fuq l-Għajn tal-Loġoġ, liema proġett qiegħed ikun iffinanzjat parzjalment minn Eko-Għawdex. Waqt din iż-żjara attendew min-naħa tal-Kunsill, is-Sindku, l-Viċi Sindku u is-Segretarju Eżekutiv. Waqt din iż-żjara il-Ministru nfurmat lis-Sindku li fix-xhur li ġejjin Pjazza l-Għejjun u Triq il-Għajn mill-knisja l-isfel ser jinbnew mill-ġdid u jingħataw t-tarmak bħala t-tieni fażi tat-Triq tax-Xlendi. ~~Is-Sindku kompla billi qal li l-Ministru qalet li l-Ministeru ser jagħmel culvert tal-ilma u tad-drenaġġ għad-djar ta' Triq l-Isptar San Ġiljan. Is-Sindku kompla billi qal li peress li baqa fondi mill-iskema ta' eko-Għawdex, il-Kunsill jista' juzhom biex jinbidel il-ħajt li jmiss mal-Għajn tal-Loġoġ peress li fih ħafna melħ~~. Waqt din iż-żjara l-Ministru wriet ix-xewqa li l-ħajt li jmiss mal-Għajn tal-Loġoġ li jagħti fuq Pjazza l-Għejjun jinbidel u jsir ġdid bħax-xogħol li qed isir peress li hu mikul bil-melħ. Waqt diskursata li saret fuq il-post, sar qbil mad-Direttur tal-Eko Għawdex biex il-flus żejda li ġew iffrankati bil-ħruġ tat-tieni offerta għax-xogħol fuq il-bini tar-replika tal-Għajn tal-Loġoġ jintużaw għal dan il-għan. Il-Kunsill qabel qabel ma' din il-proposta. Sar qbil li tiġi avviċinata l-Perit Ivana Farrugia biex issir stima u tara hemmx bżonn xi permess tal-MEPA.

4.2: Is-Sindku qal li jekk ma jkunx hemm xi ħadd li jappella, il-kuntratt ma Peter Paul Said kien ser jiġi ffirmat nhar it-23 t'Awissu, dan għar-raġuni li qabel ser ikun imsiefer. Huwa nforma lill-Kunsill li hemm bżonn li jinqala' l-monument tas-sajjieda biex ikun jista' jitwaqqa' l-fond 191. Il-Kunsill qabel li jitlob stima lil A.F. Ellis li ħadem dan ix-xogħol.


Multi Purpose Room
L-Ewwel Fazi taċ-Ċentru Ċiviku
Triq ta' Mulejja
Fontana FNT 1110
Tel: 21558877 – Fax: 21562555

4.3: Is-Sindku spjega li l-Kunsill kien qabel li d-dokument tal-offerta sabiex isiru xogħolijiet ma kellux ikun ibbażat fuq dak ipprovdut mid-Dipartiment għall-Gvern Lokali tal-Public Private Partnership, iżda l-offerta għandha toħroġ daqs li kieku l-Kunsill ser iħallas għall-ispiża totali hu. Għaldaqstant, l-offerta għandha terġa toħroġ, dan peress li reġgħet ħarġet bl-iskema tal-*Public Private Partnership* mis-Segretarju Eżekuttiv. Is-Sindku ppropona li nqabdu lill-Perit Angelo Portelli sabiex jieħu ħsieb li jipprepara dan id-dokument. Il-membri tal-Kunsill qablu.

Il-Kunsillier is-Sur Horace Micallef ippropona u l-Membri tal-Kunsill qablu unanimament illi dan il-paragrafu jiġi emendat kif ġej:

4.4: Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-membri tal-Kunsill li kif maqbul fil-laqgħa preċedenti hu ċempel lill-Viċi Sindku u saqsieh jekk kienx dispost li joqgħod membru fil-bord tal-aġġudikazzjoni. Il-Viċi Sindku qal li hu ma setgħax minħabba konflitt ta' nteress peress li din l-offerta ser tiġi ffinanzjata taħt eko-Għawdex. Għaldaqstant il-membri tal-Kunsill qablu li s-Segretarju Eżekuttiv għandu joqgħod is-Segretarju ~~Eżekuttiv~~ u c-Chairman ta' dan il-bord, u l-membri bil-vot għandhom ikunu s-Sindku, il-Kunsillier Victor Cefai, u l-Ing Mario Galea. Il-Kunsillier Horace Micallef staqsa jekk peress li hemm diskrepanza fil-prezz bejn iż-żewġ offerti nistgħux nitolbu lil min xeħet l-irħas offerta jekk jissuplix fanali differenti jiġifieri bħal ta' l-offerta l-oħra

Is-Sindku ppropona u l-Membri tal-Kunsill qablu unanimament illi dan il-paragrafu jiġi emendat kif ġej:

6.1: Wara li s-Segretarju Eżekuttiv bgħat id-dokumenti neċessarji lid-Dipartiment għall-Gvern Lokali, il-Kunsill ġie mgħoti l-bqija tal-ammont dovut lilu taħt skema maħruġa mid-Dipartiment għal Gvern Lokali, dik tal-proġett ta' (Trejqet wara l-Idjar) tarf Triq Għajn Tuta sa Wied il-Lunzjata.

6.6: Il-kelma Għajnsielem tiġi kkoreġuta minflok Għajnsilem.

6.12: Is-Sindku qal li għalkemm kienet intbagħtet ittra lis-Sur Anthony Cassar sabiex naraw jekk hux possibli li tiġi nstallata sistema ta' pannelli fotovolatajiċi fuq il-bejt tiegħu li mbagħad din tintuża sabiex iddawwal l-bozoz li hemm fi Pjazza l-



Multi Purpose Room
L-Ewwel Fazi taċ-Ċentru Ċiviku
Triq ta' Mulejja
Fontana FNT 1110
Tel: 21558877 – Fax: 21562555

Għejjun, is-Sur Cassar ma weġibx. Hu kellu żmien sas-6 t'Awissu 2011. Is-Sindku nforma lill-Kunsill li l-Avukat John Bonello kien infurmah li jista' jitwaħħlu pannelli fotovoltajiċi fuq il-bejt tas-Sur Anthony Cassar, iżda jrid isir kuntratt.

6.13: Is-Sindku qal li fi Triq Wied Siekel inqaleb ħajt żgħir tas-sejjieħ u dan ser jiġi rranġat mill-ħaddiema tal-Kunsill.

Dawn il-paragrafi segwenti ġew miżjuda wara paragrafu 6.14:

6.15: Is-Sindku nforma lill-Kunsill li minkejja li r-residenti tal-Fontana ġew infurmati b'avviż dwar logħob fix-Xlendi li kellu jiġi organizzat mill-Kumitat Amministrattiv tax-Xlendi, ħadd ma applika.

6.16: Is-Sindku nforma lill-Kunsill li saret iċ-certifikazzjoni tal-fanali tal-Isptar San Ġiljan biex dan jintbagħat lill-MEPA.

6.17: Saret u twaħħlet it-tabella rigward ix-xogħol fuq il-bini ta' replika tal-Għajn tal-Loġoġ biex tinforma li dan ix-xogħol qed isir parzjalment bil-fondi tal-Eko Għawdex.

6.18: Il-Kunsill qabel li għandu jitlob stima dwar bozza ġdida m'arblu fi Triq Mons. Mikiel Buttieġieg mingħand is-Sur Chris Gauci.

6.19: Is-Sindku nforma li saret ħarġa soċjo-kulturali għar-residenti tal-Fontana f'Malta. Żorna Wied iż-Żurrieq u r-raħal taż-Żurrieq li kien qed jiċċelebra l-festi tal-Madonna tal-Karmnu. Attendew 20 persuna fosthom is-Sindku.

Il-Kunsill approva l-Minuti tal-Laqgħa kif emendati u ġew iffirmati mis-Sindku u mill-Aġent Segretarju Eżekuttiv.

2.4 Inqraw il-Minuti tal-Laqgħa numru 52, li saret nhar il-Ħamis 25 t'Awissu 2011. Fl-aħħar ta' dawn il-Minuti, fuq parir tad-Dipartiment tal-Gvern Lokali, tniżżel paragrafu biex jindika li dawn il-Minuti ġew ippreparati mis-Segretarju Eżekuttiv is-Sur Karl Vella, ġew mibgħuta lill-Kunsill f'Jannar 2012 u ppreżentati u kkoreġuti f'din il-Laqgħa tal-Kunsill mis-Sur Joseph Farrugia, Aġent Segretarju Eżekuttiv.

2.5 Il-korrezzjoni tal-Minuti kienu kif ġej: Il-korrezzjoni tal-Minuti kienu kif ġej: is-Sindku ppropona u l-Membri tal-Kunsill qablu


Multi Purpose Room
L-Ewwel Fazi taċ-Ċentru Ċiviku
Triq ta' Mulejja
Fontana FNT 1110
Tel: 21558877 – Fax: 21562555

unanimament illi (it-test li hu immarkat underlined jindika test ġdid u t-test li hemm bl-*istrikethrough* ~~xxxxx~~ jindika li dan it-test irid jinqata' għax ma jkunx intqal fil-laqgħa):

Minuti tat-tnejn u ~~l-~~ħamsin (52) laqgħa tal-Kunsill Lokali Fontana li saret fis-Sala tal-Kommunita nhar it-25 t'Awissu 2011 fid-.9.30am.

3.2.4: Il-Kunsill irċieva l-istima mingħand Chris Gauci sabiex jagħmel arblu tad-dawl u jgħaddi l-*cables* li jkun hemm bżonn fi Triq Mons Mikiel Buttiġieġ, ħalli mbagħad l-Enemalta jkunu jistgħu jixgħeluh. Is-Sindku qal li din l-istima kienet għola~~i~~ minn dik li kien ~~qiegħed jikkalkula~~għamel l-Ing Mario Galea b'madwar €800, u għaldaqstant il-Kunsill qabel li din ma ssirx. Il-Viċi Sindku qal li hu ser jipprova jkellem lil Ing Vella tal-Enemalta ħalli jara x'inhuma l-possibilitajiet li dawn ix-xogħolijiet isiru mill-Enemalta.

4.2: Is-Sindku nforma lill-membri tal-Kunsill li nhar it-23 t'Awissu 2011 ġie ffirmat il-kuntratt ma' Peter Paul Said. Huwa nforma lill-Kunsill li sal-lum il-kumpanija ta' A.F. Ellis ma bagħtet l-ebda stima minkejja d-diversi kuntatti li saru. Il-Kunsill qabel li jsir kuntatt mas-Sur Raymond Bonello biex naraw jaċċettax li jaqla' dan il-monument.

4.3: Is-Sindku qal li l-Kunsill jista' jipproċedi billi jagħmel il-kuntratt ma' Gatt Tarmac Ltd. fuq parir ta' l-Avukat Dr. John Bonello.

~~**4.4 FONQ 07/2011 Kisi mill-ġdid ta' toroq bil-hot rolled asphalt**~~

~~Is-Sindku ppropona li nqabdu lill-Perit Angelo Portelli sabiex jieħu ħsieb li jipprepara dan id-dokument, peress li l-Perit Saliba mhux ilaħħaq max-xogħol li għandu. Il-membri tal-Kunsill qablu.~~

**4.4 FONQ 05/2010 – *Supply and Delivery of Street Lighting in Various Streets of Fontana***

Is-Sindku nforma lill-Kunsill li nhar it-23 t'Awissu kienet saret laqgħa tal-bord tal-evalwazzjoni dwar l-offerta għas-sistema ġdida tad-dawl *Energy Saving u Environmental Friendly*. Is-Sindku qal li s-Segretarju Eżekuttiv kien għadda kopja tad-dokumenti tal-offerta lil Ing Mario Galea, sabiex hu jkun jista' jħejji rapport rigward l-offerti li ġew sottomessi. F'din il-laqgħa


Multi Purpose Room
L-Ewwel Fazi taċ-Ċentru Ċiviku
Triq ta' Mulejja
Fontana FNT 1110
Tel: 21558877 – Fax: 21562555

tal-Bord ġie diskuss dan ir-rapport u l-Membri tal-Bord bi dritt għall-vot qablu unanimament li jiġu ordnati l-ewwel għaxar fanali għal Triq il-Għajn l'isfel mill-Knisja ħdejn ir-*railing* u Pjazza l-Għejjun. Waqt id-diskussjoni tal-Kunsill fuq din il-proposta ġie diskuss il-punt jekk l-Offerta tistax tinqasam peress li l-Offerta kienet għal għoxrin fanal u għalhekk ġie deċiż li nieħdu l-parir tad-Dipartiment tal-Kuntratti. Il-Kunsill qabel li jekk tkun fl-affermattiv, għandhom jiġu ordnati l-ewwel għaxar fanali. Rigward l-għaxar fanali ta' Triq il-Qalb ta' Ġesu, ġie maqbul li għandu jinġab *sample* tal-fanali ta' Calleja Ltd. U ieħor ta' Richard Cauchi sabiex il-bord ikun f'pożizzjoni aħjar li jieħu d-deċiżjoni tiegħu.

~~6.2 Is-Sindku nforma lill-Kunsill li nhar it-23 t'Awissu kienet saret laqgħa tal-bord tal-evalwazzjoni dwar l-offerta għas-sistema ġdida tad-dawl *Energy Saving u Environmental Friendly*. Is-Sindku qal li waqt din il-laqgħa ġie maqbul li nieħdu parir mingħand id-Dipartiment tal-Kuntratti rigward xi punti li ġew mqajma.~~

6.7: Is-Sindku qal li l-applikazzjonijiet taħt l-iskema ta' eko-Għawdex kienu reġgħu ħarġu u ppropona li l-Kunsill japplika sabiex isir it-tindif tal-Wied tax-Xlendi, kif ukoll sabiex ningħataw il-boroż il-griżi sabiex jitqassmu lir-residenti u t-tkomplija tat-toroq kollha tal-Fontana permezz ta' fanali *energy saving* u *environmentally friendly*.

Dawn il-paragrafi segwenti ġew miżjuda wara paragrafu 6.8:

6.8: Is-Sindku nforma lill-Kunsill li mill-1 ta' Settembru 2011 is-sistema ta' nfurzar lokali ser tgħaddi taħt ir-responsabilta tal-Kumitat Reġjonali.

6.9: Is-Sindku ppropona wkoll li ssir ħarġa għal Kemuna. Il-Membri tal-Kunsill qablu.

6.10: Is-Sindku ppropona wkoll li ssir ħarġa għan-*Notte Bianca.*

L-aħħar sentenza tal-ewwel paragrafu tal-Laqgħa ma' l-Onor. Dr. Chris Said ġiet emendata biex taqra hekk: Is-Sindku kompla wkoll billi qal li l-Kunsill kien issottometta t-talba tiegħu lid-Dipartiment għall-Gvern Lokali sabiex issirlu d-*devolution* tal-Għajn tal-Loġoġ, tal-Għajn il-Kbira u l-għajn ta'


Multi Purpose Room
L-Ewwel Fazi taċ-Ċentru Ċiviku
Triq ta' Mulejja
Fontana FNT 1110
Tel: 21558877 – Fax: 21562555

Bendu u x-Xelter li jinsabu fi ~~ta'~~ Pjazza l-Għejjun~~ u tax-xelter li jinsab f'din il-pjazza,~~ u sal-lum din għadha ma saritx.

Wara r-raba' paragrafu ta' dawn il-minuti ġew emendati biex jaqraw kif segwenti:

Is-Sindku semma wkoll l-iskema ta' aktar aċċessibilta, biex titneħħa bankina għolja u ssir waħda aċċessibli li mill-Uffiċċju tal-Kunsill twassal kważi sal-*Playing Field.* Is-Sindku qal li minkejja li l-applikazzjoni saret is-sena l-oħra, s'issa ma ġejna nfurmati b'xejn. L-Onor. Said wieġeb li s'issa l-fondi ta' din l-iskema għadhom ma tqassmux. Is-Sindku semma wkoll li wara li s-sena l-oħra l-Kunsill għamel sistema ta' pannelli fotovoltajiċi għall-ewwel fażi taċ-Ċentru Ċiviku li f'din l-ewwel sena ġġenerat 3,500 unit, il-Kunsill applika għat-tieni skema maħruġa mill-istess Dipartiment tal-Gvern Lokali biex issir fi Pjazza l-Għejjun. Minħabba problemi li nqalgħu fejn ser titwaħħal, il-Kunsill jixtieq jibdel il-post u ssir fil-*Playing Field.* Is-Sindku staqsa lil Onor. Said jekk jistax isir dan. L-Onor. Said wieġeb li l-Kunsill għandu jikteb lid-Dipartiment biex jinġieb permess biex isir dan. Għalhekk il-Kunsill qabel unanimament li għandha tinħareġ l-Offerta kif ikollu r-risposta.

Punt ieħor li ġie diskuss waqt il-Laqgħa kien biex ħaddiem tal-IPSL jintbagħat biex jirranġa il-*pumping station* tad-drenaġġ f'Wied il-Lunzjata, billi jaqla' l-fili eżistenti u jitkaħħlu mill-ġdid skond il-*method statement* approvat mill-MEPA għal proġett ta' Trejqet wara l-Idjar. L-Onor. Said qal li ser jieħu ħsieb li jintbagħat dan il-ħaddiem. Dwar proġetti oħra li ser jitwettqu mill-Kunsill, is-Sindku qal li fil-ġranet li ġejjin mistenni li tibda t-tieni fażi taċ-Ċentru Ċiviku.

~~Is-Segretarju Eżekuttiv ġibed l-attenzjoni tal-Onor Said li għalkemm konna qegħdin f'Awissu hu xorta waħda ma kienx għadu rċieva l-Performance Bonus tas-sena 2010, minkejja li dan kien approvat kemm mill-Kunsill Lokali, kif ukoll mid-Dipartiment. L-Onor Said qal lis-Segretarju sabiex jikteb lil Adrian Mifsud, impjegat fid-Dipartiment għall-Gvern Lokali sabiex jiċċekkja l-każ.~~

Il-Kunsillier Lorry Apap, issekondat mill-Kunsillier Victor Cefai bi qbil unanimu mill-Kunsill ippropona li għandu jiżdied dan il-paragrafu:


Multi Purpose Room
L-Ewwel Fazi taċ-Ċentru Ċiviku
Triq ta' Mulejja
Fontana FNT 1110
Tel: 21558877 – Fax: 21562555

Il-Kunsillier Lorry Apap staqsa lill-Onor. Chris Said dwar każ li għadda minnu fejn minkejja li kien informa lis-Sindku li kien indispost għall-Laqgħa tal-Kunsill peress li dak in-nhar kellu jkun Malta l-isptar Boffa, u s-Sindku nforma b'dan fil-bidu tal-laqgħa, huwa qal li xorta waħda ġie mniżżel fil-minuti tal-Kunsill mis-Segretarju li kien assenti. Huwa staqsa jekk dan hux validu. L-Onor. Chris Said qallu li dan għandu jiġi kkoreġut u mniżżel bħala skużat. L-istess Kunsillier ġibed l-attenzjoni tal-Onor. Chris Said dwar kawża oħra ġusta li tikkonċerna lill-Kunsillier Victor Cefai.

Il-laqgħa ntemmet permezz ta' żjara fuq ~~xi~~ żewġ proġetti li għamel il-Kunsill bil-għajnuna tad-Dipartiment tal-Gvern Lokali, fosthom l-*embellishment* ~~tal-passaġġ~~li tal-proġett fi Trejqet wara l-Idjar li minn tarf Triq Għajn Tuta twassal sa Wied il-Lunzjata, ~~il-bini tar-replika tal-Għajn tal-Loġoġ,~~ kif ukoll is-sistema ta' pannelli fotovoltajiċi li hi nstallata fil-*playingfield* tal-lokalita.

Il-Kunsill approva l-Minuti tal-Laqgħa kif emendati u ġew iffirmati mis-Sindku u mill-Aġent Segretarju Eżekuttiv. Is-Sindku nforma lill-Membri tal-Kunsill illi l-Minuti tat-53 Laqgħa tal-Kunsill kienu għadhom ma ġewx riveduti u għalhekk il-Kunsill qabel unanimament li għandha ssir Laqgħa t'Urġenza nhar it-Tlieta 6 ta' Marzu 2012 biex jiġu approvati l-Minuti tal-Laqgħat li baqa' pendenti. Il-Kunsillier Lorry Apap issuġġerixxa lill-Aġent Segretarju Eżekuttiv biex jikteb lis-Sur Joe Tabone, Head, Monitoring Unit, Dipartiment tal-Gvern Lokali biex jinfurmah li hu għamel kif ordnalu u ninfurmah illi l-Membri tal-Kunsill kienu vera ddiżgustati b'dan l-atteġjament u bil-problemi li qed ikollu jiffaċċja l-Kunsill minħabba nuqqas ta' *handover* u anke problemi li ġew maħluqa mis-Segretarju Eżekuttiv preċedenti u li qed ikollu jerfa' responsabiltà tagħhom il-Kunsill.

## 3. Korrispondenza

### 3.1 Korrispondenza Ġenerali

3.1.1 DLG – *Update* tal-proġetti mill-iskema tal-*Public Private Partnership*.

3.1.2 Enemalta – Email mingħand Francesca Galea biex tinforma li l-Kunsill kellu jħallas l-ammont ta' €466 għas-servizz tal-mapep tad-dawl fit-toroq għas-snin 2010 u 2011. Is-Sindku staqsa jekk il-Kunsill kienx irċieva kopja tal-mappa tal-2009 peress li minkejja li


Multi Purpose Room
L-Ewwel Fazi taċ-Ċentru Ċiviku
Triq ta' Mulejja
Fontana FNT 1110
Tel: 21558877 – Fax: 21562555

l-Kunsill kien ħallas is-somma ta' €35, sa fejn jaf hu ma rċivejna xejn. Staqsa wkoll jekk il-Kunsill kienx irċieva kopja ta' dawn il-mapep qabel isir il-pagament.

3.1.3 Enemalta – email rigward Applikazzjoni ġdida għal Proposti ta' Dwal fit-Toroq.

3.1.4 Superintendence of Cultural Heritage rigward PA 05319/10 – Sit fi Trejqet ix-Xagħri, Fontana biex jinfurmaw illi m'hemm ebda oġġezzjoni li jsir l-iżvilupp kif deskritt f'dan il-permess bil-kundizzjoni li l-fdalijiet tal-Kappella ta' San Ljun jiġu mħarsa u r-restawrati.

3.1.5 Green MT – Ftehim bejn l-iskema Green MT u l-Kunsilli Lokali Għawdxin. Is-Sindku ppropona li l-ewwel irid jiġi rrispettat il-ftehim attwali biex imbagħad il-Kunsill ikun jista' jiddiskuti ftehim ġdid.

3.1.6 BOV – Email mingħand Rachel Caruana, Guarantees Department, Trade Finance Centre rigward il-Garanzija Bankarja għad-dokument tal-Offerta FONQ07/2011 ta' Gatt Tarmac Ltd. għal *resurfacing* ta' żewġ toroq fil-Fontana. Il-Kunsill qabel li din għandha tiġġedded kif propost.

3.1.7 Perit Gordon Vella – Xogħolijiet fuq il-Proġett tat-Tieni Fażi taċ-Ċentru Ċiviku.

3.1.8 ETC- Skema Xogħol fil-Komunita' – biex jinfurmaw illi l-parteċipazzjoni fl-iskema tas-Sur Terry Attard, ġiet imġedda għal sitt xhur.

3.1.9 ETC- Skema Xogħol fil-Komunita' – biex jinfurmaw illi l-parteċipazzjoni fl-iskema tas-Sur Antoine Mercieca, ġiet imġedda għal sitt xhur. Is-Sindku nforma li s-Sur Noel Xerri m'għadhux parti minn din l-iskema, peress li l-kuntratt ma reġax ġie mġedded.

3.1.10 Kunsill Lokali Mellieħa – Ħruġ ta' *Default Notices*.

3.1.11 Transport Malta – biex jinfurmaw illi Alf Schembri & Sons ġew sospiżi mir-Reġistru tal-Kuntratturi 'Xogħolijiet ta' Toroq' ta' Transport Malta.

3.1.12 Reġjun ta' Għawdex – Kuntratt ta' Manutenzjoni tad-Dawl fit-Toroq.

3.1.13 MEPA – *EPC Decisions*.

3.1.14 TCTC Malta – Proġett għat-Tfal *IKIDS* għal żmien is-sajf. Il-Kunsill staqsa kemm huma l-ispejjez biex tipparteċipa f'dan il-proġett u ġie deċiż li jekk mhumiex għoljin naraw x'ser ikun ir-rispons tat-tfal fil-lokalita u nerġgħu nevalwaw wara.

3.1.15 Mark Zammit, Environmental Scientist, AIS Environmental Ltd. – biex jinforma lill-Kunsill li wara li l-laqgħa li hu kellu mas-Sindku u mal-Aġent Segretarju Eżekuttiv u wara li ddiskuta l-proposta tal-Kunsill rigward il-Proġett ta' Tindif tal-Wied tax-Xlendi (l-ewwel parti), ma jistax jaċċetta t-talba tal-Kunsill biex jagħmel dan ix-

xogħol. Għalhekk li għandna nibgħatu lil tal-MEPA u naraw jekk l-Environment Unit jistgħux jissuġġerixxu lil xi ħadd huma biex jassisti lil Kunsill f'dan il-proġett.

3.1.16 AKL – *EU Sustainable Energy Week 2012.*

3.1.17 Industrial Projects & Services Limited – Trasferiment ta' Leave minn sena għall-oħra mill-ħaddiema ta' l-IPSL assenjati mad-Dipartiment.

**3.2 <u>Ilmenti</u>**

3.2.1 Is-Sindku ressaq ilment f'isem is-Sur Frank Bajada ta' 'Notre Dame', Triq il-Qalb ta' Ġesù, Fontana li mal-faċċata tad-dar tiegħu hemm żewġ kanni tad-dawl imsaddad li hu ta' periklu għall-pubbliku u qed jitlob biex dan jinqalgħa. Il-Kunsill qabel li għandna ninfurmaw lil Enemalta b'dan l-ilment kif ukoll li baqa' xi viti mal-faċċata tad-dar tiegħu li għadhom minn tal-lampa tad-dawl li kien hemm qabel twaħħlu l-fanali ta' Triq il-Qalb ta' Ġesù. Huwa talab biex dawn jinqalgħu. Il-Kunsill qabel li jitqabbad is-Sur Chris Gauci biex jiġi bil-*high-up* u bl-għajnuna tal-ħaddiem tal-Kunsill jaqilgħu dawn il-viti.

## 4. <u>*Fontana Fireworks Festival*</u>

4.1 Is-Sindku nforma lill-Membri tal-Kunsill li ġie nfurmat mill-Aġent Segretarju Eżekuttiv, li ġurnata qabel għalqet il-kwotazzjoni li wara l-Kunsill kien ħareġ is-Sejħa għall-Kwotazzjoni għal Festival tal-Logħob tan-Nar, konna ġejna nfurmati mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali li ma nistgħux nagħtu din l-Offerta bis-somma ta' €4,500 lil żewġ Kmamar tan-Nar differenti u għalhekk għandna nikkanċellaw din is-sejħa u noħorġu sejħa għall-Offerti. Dan minkejja li s-Sur Chris Galea, Monitoring Unit, Dipartiment tal-Gvern Lokali, qabel ħarġet il-kwotazzjoni kien informa lill-Aġent Segretarju Eżekuttiv li nistgħu nimxu b'dan il-mod. Għal din il-kwotazzjoni ntefgħu żewġ offerti, dik tas-Soċjeta Filarmonika Santa Marija tal-Mosta li waslet ftit minuti wara l-ħin stipulat kif ukoll ta' Santa Marija ta' Ħal Għaxaq li ntbagħtet permezz ta' email meta r-regolament jgħid li trid tasal f'envelope issiġillat.Is-Sindku qal li s-Sotto-Kumitat responsabbli mill-organiżazzjoni ta' dan il-Festival għandu jiltaqa' mas-Sur Joseph Mangion, minn Hal-Lija biex nitolbuh jgħin lill-Kunsill fl-organiżazzjoni ta' dan il-Festival, peress li ma tantx fadal żmien. Il-Kunsillier Horace Micallef qal li d-Dipartiment tal-Gvern Lokali ma tawniex direzzjoni ċara mill-ewwel u għalhekk tlifna ż-żmien għax kieku is-sejħa li ħriġna ġa ngħatat. Għalhekk, is-Sindku ppropona, fuq


Multi Purpose Room
L-Ewwel Fazi taċ-Ċentru Ċiviku
Triq ta' Mulejja
Fontana FNT 1110
Tel: 21558877 – Fax: 21562555

parir tal-Aġent Segretarju Eżekuttiv, u l-Kunsill qabel unanimament li peress li ma tantx fadal żmien għal festa, għandna nordnaw xogħolijiet differenti mingħand numru ta' kumpaniji tannar differenti u jagħtuna xogħol b'massimu ta' €1,150 bħal ma jsir mill-Kunsill Lokali tal-Floriana.

## 5. It-Tieni Fażi taċ-Ċentru Ċiviku

5.1 Is-Sindku nforma lill-Membri tal-Kunsill li issa li x-xogħol fuq it-Tieni Fażi taċ-Ċentru Ċiviku jinsab fl-istadju tal-bini, irridu noħorġu Sejħa għall-Kwotazzjoni biex jingħata l-*membrane* fuq il-bejt u s-Sejħa għall-Offerti għat-Tqegħid tal-Ġebla tal-Qawwi. Il-Kunsill qabel.

5.2 Il-Viċi-Sindku is-Sur Tony Borg staqsa jekk l-arbli tal-festa li jintramaw fuq iz-zuntier humiex ser jibqgħu fejn kienu qabel jew inkella humiex ser isiru fuq il-bejt tat-Tieni Fażi taċ-Ċentru Ċiviku li ser ikun qed iservi ta' spazju miftuħ u estensjoni taz-zuntier tal-Knisja. Is-Sindku nforma li dawn ser jibqgħu fejn kienu qabel u diġa ġie avviċinat mis-Sur John Theuma, is-Sangristan biex sal-festa jitranġaw peress li max-xogħol kien inqala' xi madum taz-zuntier. Is-Sindku qal li f'bejt ta' madwar sitt pulzieri, ma hemmx fejn isiru toqob għall-arbli mingħajr ma wieħed jista' jagħmel il-ħsara. Il-Viċi-Sindku wera t-tħassib tiegħu li dawn issa ser jiġu fin-nofs u għalhekk staqsa jekk hemmx mod li dawn isiru fuq il-parti l-ġdida. Il-Kunsillier is-Sur Lorry Apap wieġeb illi jistgħu isiru studs jew pjanċa. Għalhekk il-Viċi-Sindku ppropona li għandna nitkellmu mal-Kumitat tal-Armar biex naraw l-opinjoni tagħhom.

## 6. Ħatra tal-Bord għall-Għażla ta' Segretarju Eżekuttiv

6.1 Rigward l-għażla għal ħatra ta' Segretarju Eżekuttiv tal-Kunsill, il-Kunsillier Lorry Apap qal li l-aktar ħaġa idejali hi li s-Segretarji Eżekuttivi prospettivi li hemm fil-*pool* jiġu evalwati mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali imbagħad il-Kunsill jagħżel jekk jaċċettax jew le. Il-Kunsilier Lorry Apap stqarr li hu jemmen li qiegħed f'kunflitt ta' nteress jekk joqgħod fil-Bord peress li l-Aġent Segretarju Eżekuttiv preżenti li diġa jaħdem fil-Kunsill jista' jkun wieħed mill-applikanti. Il-Kunsillier is-Sur Horace Micallef stqarr li hu ma jridx li jkun fil-Bord tal-Għażla għall-istess raġuni. Il-Viċi-Sindku s-Sur Tony Borg u l-Kunsillier Victor Cefai ikkonfermaw li huma kienu lesti li joqgħodu Membri fil-Bord.

6.2 Il-Kunsillier is-Sur Lorry Apap ippropona, u l-Membri tal-Kunsill qablu unanimament, illi bħala Membri tal-Bord għandna nistaqsu lil eks Segretarji Eżekuttivi biex ikunu membri peress li huma jafu

ix-xogħol li jirrikjedi ta' Segretarju. Għalhekk, il-Viċi-Sindku is-Sur Tony Borg ippropona li għandna nistaqsu lis-Sinjorina Josephine Borg, eks Aġent-Segretarju biex tkun bħala t-tielet Membru tal-Bord u lis-Sur George Cassar, li kien Membru fl-ewwel Kunsill, biex ikun is-Segretarju tal-Bord. Il-Kunsill qabel.

## 7. Għoti tal-Offerti

7.1 L-Aġent Segretarju Eżekuttiv ippreżenta ir-Rapport ta' Evalwazzjoni li għamlet il-Kumpanija ta' Galea Curmi Engineering rigward is-Sejħa għall-Offerti għall-Installazzjoni ta' Sistemi Fotovoltajiċi irrakomandaw li din l-offerta għandha tingħata lill-kumpanija Solar Engineering. Għalhekk, is-Sindku staqsa lill-Aġent Segretarju Eżekuttiv biex jiċċekja jekk il-Garanzija Bankarja ta' din il-kumpanija għadhiex valida.

7.2 *Kwotazzjoni għall-Installazzjoni ta' bozza fi Triq Mons. Mikiel Buttiġieġ*: Is-Sindku informa lill-Membri tal-Kunsill illi wara li l-kuntrattur is-Sur Chris Gauci pprovda l-infomazzjoni mitluba minnu, l-Inġinier Mario Galea li evalwa u ressaq ir-rapport tiegħu għal din il-kwotazzjoni, irrakkmanda li din l-offerta g]andha ting]ata lis-Sur Chris Gauci kif issottometta fl-Offerta għas-somma ta' €2,156.12. Il-Kunsill qabel.

## 8. Mistoqsijiet

8.1 Ma kienx hemm mistoqsijiet f'din il-laqgħa.

## 9. Approvazzjoni ta' Kontijiet

9.1 Ċedola ta' pagamenti annessa. Il-membri lkoll qablu li jsiru l-pagamenti murija fiċ-ċedola annessa.

9.2 Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-Membri tal-Kunsill li rċivejna *Bank Statement* mingħand il-BOV biex jinfurmaw li kienet saret transaction ta' €27.49 għar-Rapport tal-Awdituri għas-Sena Finanzjarja 2011.

## 10. Mozzjonijiet

10.1 Mozzjoni Nru. 33 mressqa mis-Sindku Saviour Borg, u ssekondata mill-Kunsillier is-Sur Victor Cefai:

> Il-Kunsill għandu jitlob lil Ministeru għal Għawdex biex bħal ma l-Gvern Ċentrali qed jagħmel diversi znieter ta' Knejjes Parrokkjali f'Malta, jesplora l-possibiltà li z-zuntier tal-Knisja Parrokkjali jsir bil-ġebla tal-qawwi minflok dak


Multi Purpose Room
L-Ewwel Fazi taċ-Ċentru Ċiviku
Triq ta' Mulejja
Fontana FNT 1110
Tel: 21558877 – Fax: 21562555

eżistenti li hu tal-madum bis-siment. Dan dejjem isir b'kollaborazzjoni mal-parroċċa. B'hekk ikun qed jissebbaħ iktar l-ambjent ta' dawn l-inħawi ta' konservazzjoni urbana tal-Fontana u jkun qed jikkumplimenta x-xogħol li qed isir fuq it-tieni fażi taċ-Ċentru Ċiviku fejn l-arja tiegħu ser isservi ta' spazju miftuħ li tgħaqqad maz-zuntier tal-Knisja.

10.2 Is-Sindku qal li wara li ressaq il-mozzjoni, hu ġie nfurmat li z-zuntier tal-Knisja ta' Kerċem u dak tal-Munxar ser isiru mill-Ministeru għal Għawdex. Il-Viċi-Sindku is-Sur Tony Borg ikkonferma dan u qal li bħala Ministeru għaddejjin bin-negozjati biex isir iz-zuntier tax-Xagħra. Il-Kunsill qabel unanimament ma' din il-mozzjoni u ġie deċiż li din għandha tintbagħat lill-Ministru għal Għawdex għall-attenzjoni tagħha.

## 11. Materji Oħra

11.1 Il-Viċi-Sindku is-Sur Tony Borġ ippropona biex il-Kunsill jixtri numru ta' ritratti (veduti) tal-Fontana għas-Sala tal-Komunità u ssuġġerixxa li jekk il-Kunsill jaqbel ma' din il-proposta, nkellmu lis-Sur Daniel Cilia. Il-Membri tal-Kunsill qablu u għalhekk l-Aġent Segretarju Eżekuttiv ġie mitlub biex ikellem lis-Sur Cilia.

11.2 L-Aġent-Segretarju Eżekuttiv informa lill-Membri tal-Kunsill li s-Sur Joseph Mercieca, il-ħaddiem tal-Kunsill, talab biex id-99 siegħa li baqgħalu *leave* pendenti minn tas-sena l-oħra jiġu t-trasferiti għal din is-sena. Il-Kunsill approva dan it-trasferiment.

11.3 Is-Sindku nforma lill-Membri tal-Kunsill illi fil-Minuti tal-Laqgħa tal-Kunsill li saret nhar is-6 ta' Ġunju 2011, ir-riferenza li hemm għall-kappella medjavali f'paragrafu 7.8, trid tkun għal San Ljun u mhux għal San Leonardu.

11.4 Is-Sindku nforma lill-Membri tal-Kunsill illi is-Sur Joe Xiberras kien tħallas id-differenza ta' €295.87 bħala *Allowance* għall-ħidma li hu wettaq bħala Aġent Segretarju Eżekuttiv tal-Kunsill mill-10 ta' Ottubru sat-12 ta' Diċembru 2011, peress li l-paga propja baqa' jeħodha mill-Ministeru għal Għawdex. Is-Sindku qal ukoll li għax-xahar ta' Jannar 2012, l-Aġent Segretarju Eżekuttiv preżenti tħallas mid-Dipartiment ta' fejn kien jaħdem Malta peress li tul dak ix-xahar baqa' jaħdem jumejn fil-ġimgħa minn Malta biex ikun jista' jagħti l-*handover*.

11.5 Il-Viċi-Sindku s-Sur Tony Borg ippropona biex issir sistema ta' *flood-lighting* għall-Għajn tal-Loġoġ fi Triq ta' Xlendi. Il-Kunsill qabel unanimament ma' din il-proposta u għalhekk ġie deċiż li nkellmu lill-Inġinier Mario Galea biex ikun jista' jagħtina stima.

11.6 Il-Kunsillier is-Sur Victor Cefai informa lill-Membri tal-Kunsill dwar il-laqgħa li hu attenda għaliha mas-Supretendent Simon Galea


Multi Purpose Room
L-Ewwel Fazi taċ-Ċentru Ċiviku
Triq ta' Mulejja
Fontana FNT 1110
Tel: 21558877 – Fax: 21562555

nhar it-Tlieta 28 ta' Frar 2012. Semma li t-temi li ġew diskussi kienu dwar it-traffiku, il-*patroles*, l-Għassa tal-Pulizija, id-drogi u s-serq. Is-Sur Victor Cefai semma li d-Dipartiment tal-Pulizija kienu ħafna ta' għajnuna u apprezzaw li l-Kunsill laqgħa t-talba tagħhom u attenda għall-laqgħa. Il-membri li attendew urew ix-xewqa li ssir laqgħa mal-pubbliku u jagħtu taħdita dwar l-aħħar żewġ temi.

11.7 Is-Sindku nforma lill-Membri tal-Kunsill li rigward l-ilment li kien tressaq mis-Sur Adrian Grima fil-Laqgħa tal-31 ta' Jannar 2012 rigward l-isticker li kienet twaħħlet mal-fanal fi Sqaq Nru. 1 fi Triq il-Għajn minn ta' Zammit Aluminium minħabba s-*security cameras,* is-Sindku qal li jidher li m'hemmx stickers x'jindika li hemmhekk hemm *security cameras*.

11.8 Is-Sindku nforma lill-Membri tal-Kunsill illi hu kien attenda għal seduta oħra tal-qorti fejn ta l-aħħar xhieda tiegħu quddiem l-Assistent Ġudizzjarju Dr. Aaron Attard Ħili fil-kawza Anthony Cassar kontra l-Kummsarju tal-Artijiet dwar il-fond 189 u 190 fi Triq il-Għajn. Semma li s-seduta li jmiss għandha ssir f'April 2012.

11.9 Is-Sindku nforma lill-Kunsill li ġejna mitluba mid-Dipartiment tal-Artijiet biex nibgħatu pjanta aġġornata tas-siti fejn il-Kunsill qed jitlob li ssirlu d-devoluzzjoni fil-Pjazza tal-Għejjun. Dawn ser isiru mill-Perit Ivana Farrugia.

11.10 Is-Sindku nforma lill-Membri tal-Kunsill illi wara li ngabru l-kwotazzjonijiet u ngħatat l-offerta lil John Azzopardi, *Construction Manager Health and Safety*, saret laqgħa miegħu fuq il-proġett tat-tieni fażi taċ-Ċentru Ċiviku li għaliha attendew il-bennej u l-Aġent Segretarju Eżekuttiv.

11.11 Is-Sindku nforma lill-Membri li hu attenda għall-Laqgħa oħra tal-Kumitat Reġjonali li saret fil-*Banca Giuratale* nhar it-Tlieta 21 ta' Frar 2012.

11.12 Is-Sindku nforma lill-Kunsill li l-Kunsill ġie mitlub mid-Dipartiment tal-Eko-Għawdex biex jipprovdi l-*Compliance Certificate* tal-bini ta' replika tal-Għajn tal-Loġoġ. Biex ikun jista' jieħu l-fondi. Għalhekk il-Kunsill ħallas is-somma ta' €60 lill-MEPA biex seta' japplika.

11.13 Is-Sindku nforma lill-Membri tal-Kunsill li l-Aġent Segretarju Eżekuttiv kien infurmah li rċivejna mingħand l-Awditur lista ta' dokumenti li għandu bżonn qabel jibda l-*Audit* u fost dawn id-dokumenti talab lill-Kunsill ittra mingħand Avukat biex jindika li l-Kunsill m'għandux kawżi pendenti fil-qorti kif ukoll ittra mingħand il-perit/i tal-Kunsill biex jindikaw il-proġetti li ġew fi tmiemhom tul is-sena 2011 u l-proġetti li bdew fis-sena 2011 iżda li ma ġewx konklużi s-sena l-oħra, x'perċentwal tlesta minnhom, il-post fejn qed jitwettaq dan il-proġett, id-data ta' meta ntemm il-proġett u l-estimi tal-proġett. Is-Sindku qal li din


Multi Purpose Room
L-Ewwel Fazi taċ-Ċentru Ċiviku
Triq ta' Mulejja
Fontana FNT 1110
Tel: 21558877 – Fax: 21562555

hija l-ewwel darba li l-Kunsill qiegħed jiġi mitlub dawn id-dokumenti u minn informazzjoni li kiseb l-Aġent Segretarju Eżekuttiv, mhux kull kumpanija tal-Awditar tal-Kunsilli mhix qed titlob dawn id-dokumenti. Għalhekk ġie deċiż li l-Kunsill jikteb ittra lill-Ministru li għal Kunsill żgħir bħalma hu l-Fontana, li l-allokazzjoni tiegħu hi limitata, dawn huma spejjeż żejda biex tqabbad Avukat biex jagħmel ir-riċerki jew lill-periti biex joqgħodu jagħmlu analiżi tal-informazzjoni mitluba.

11.14 Is-Sindku nforma lill-Membri tal-Kunsill li s-Sur Karl Vella, eks Segretarju Eżekuttiv kien ġie mitlub għal din il-laqgħa biex jiġi diskuss u jimtela' l-*Performance Bonus Appraisal* tiegħu għas-sena 2011. L-Aġent Segretarju Eżekuttiv informa li dan ma setax jiġi iżda minflok, is-Sur Karl Vella bagħat email biex tinqara waqt il-laqgħa. Wara li ġiet moqrija, is-Sindku u l-Kunsilliera stqarrew li l-email kien fiha allegazzjonijiet li ma kienux korretti għax il-Kunsill kien qed jadotta l-istess proċedura li ntużat is-sena ta' qabel. Is-Sindku talab lill-Aġent Segretarju Eżekuttiv biex jiċċekja mad-Dipartiment tal-Gvern Lokali jekk jistax jiġi diskuss l-*Performance Bonus Appraisal* meta baqa' affarijiet li għadhom pendenti. Is-Sindku qal ukoll lil-Aġent Segretarju Eżekuttiv kien infurmat verbalment mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali li l-eks Aġent Segretarju Eżekuttiv is-Sur Joe Xiberras ma kienx intitulat għall-*Performance Bonus Appraisal* peress li hu ma kienx jitħallas mill-Kunsill.

11.15 Is-Sindku nforma lill-Membri tal-Kunsill illi jidher li l-Kunsill għandu numru ta' korrispondenza li kien irċieva minn żmien l-eks Segretarju Eżekuttiv is-Sur Karl Vella li hi nieqsa, dan għar-raġuni li meta staqsa lill-Aġent Segretarju Eżekuttiv dwar il-korrispondenza, din ma nstabitx. Fost dawn semma il-korrispondenza mid-Dipartiment tal-Artijiet rigward ir-reġistrazzjoni tax-xelter fi Pjazza tal-Għejjun, li kienet inqrat waqt laqgħa tal-Kunsill f'waħda mill-aħħar tlett laqgħat li saru fi żmien is-Sur Karl Vella; l-ittra rigward tal-ġbir domestiku li kellha tintbagħat lil Onor. Chris Said u l-korrispondenza li kien hemm bejn id-Dipartiment tal-Gvern Lokali u l-Kunsill Lokali tal-Fontana rigward għajnuna finanzjarja biex jingħata wiċċ ġdid bit-tarmac lil żewġ toroq fil-Fontana. Għalhekk il-Kunsill qabel li tinkiteb ittra lill-Ministru u tintbagħat kopja lid-Direttur tal-Gvern Lokali biex ninfurmawh b'dawn in-nuqqasijiet u li l-Kunsill għandu problema kbira peress li qatt ma ngħatat *handover* tax-xogħol.

11.16 Is-Sindku ppropona lill-Membri tal-Kunsill biex tiġi organizzata ħarġa soċjo-kulturali għal Malta. Il-Kunsill qabel ma' din il-proposta.

Il-laqgħa spiċċat fit-8.00p.m. u sar qbil li l-laqgħa li jmiss għandha ssir nhar id-29 ta' Marzu 2012, fil-5.30p.m.

| | |
|---|---|
| Joseph Farrugia | Saviour Borg |
| Aġent Segretarju Ezekuttiv | Sindku |


Multi Purpose Room
L-Ewwel Fazi taċ-Ċentru Ċiviku
Triq ta' Mulejja
Fontana FNT 1110
Tel: 21558877 – Fax: 21562555

Multi Purpose Room
L-Ewwel Fazi taċ-Ċentru Ċiviku
Triq ta' Mulejja
Fontana FNT 1110
Tel: 21558877 – Fax: 21562555